"Ma Vicinité Mentá"

Marisa – Enzo.

Antoinette Soler – Clo Gruppetta.

: qalbi tghidli li kull mita jaghmel xi biccа xoghol tajba, jwarrab percentwal ckejken mill-qliegh biex jkun jista' jixtri l-fjuri ghal mejtin tighu... din ma fieha xejn, hux tassew? Jien nghid li das-sinjur jifhem li kull meta jixtri l-fjuri ghal mejtin, dawn igibulu r-risq.

Marisa)
Enzo ): L-ghodwa t-tajba!

Deffien: L-ghodwa t-tajba, sinjuri.

Hoss: (Passi jidbeghedu)

Deffien: Dawn kienu zewg zaghzagh... Tahsbux li dawn gew hawn biex jinnamraw... Le, le... dan ikun nuqqas ta' qima lejn dan il-post. Iz-zaghzugh, f'dan ic-cimiteru, ghandu l-qabar taz-ziju u x-xbejba, dak ta' nannitha... Iz-zewg oqbra nsertaw hdejn xulxin u allura tistghu tahsbu kif dawn it-tnejn tlaqqghu flimkien... Ghall-ewwel kienu jigu darba fix-xahar, imbaghad kull gimgha, issa, kull-jum... Minjaf, forsi anke mill-mewt tista' titnissel il-hajja.....Riesaq ragel hdejja... donnu qed ifittex lil xi hadd...

Adriano: Skuzi, hawn tahbat is-sezzjoni Nru. 22?

Deffien: Iva, sinjur, sewwa, sew, hawnhekk.

Adriano: Qasam 46?

Deffien: Iva. Tibda minn hawn u tasal sa dik il-moghodija.

Adriano: Grazzi.

Hoss: (Passi jidbeghedu)

Deffien: Lil dal bniedem, qatt ma naf li rajtu... Riega gej...

Adriano: Sinjur, jekk joghogbok xtaqt inkelmek.

Deffien: Serv tighek, sinjur.

Adriano: Ejja nersqu hdejn dan il-qabar....

Deffien: Tajjeb. Hoss (Passi)

Adriano: Dan il-qabar tighi... Nista' navda fik?

Deffien: Tista' isserrah rasek.... Imma, ghaliex qed tistaqsini? Ghadni ma nistax nifhem.

Adriano: Tweghedni li ma tghidx kelma minn dak li ser nghidlek?

(Pawsa)

Tweghedni?

Deffien: Inweghedek, imma....

Adriano: Ersaq l-hawn..... Qieghed tarah dan il-qabar?

Deffien: Iva!....